# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 9 ta' Frar 2001.**

**Numru 39**

**Citaz. numru 939/93 GV**

**Concetta Dimech**

**vs**

**Joseph Bonnici**

**Il-Qorti;**

**L-ATT TAC-CITAZZJONI**

L-attrici pprocediet kontra l-konvenut b'dan l-att tac-citazzjoni :-

> "Peress illi fit-28 ta' Gunju 1993, l-istanti Concetta Dimech ottjeniet minghand dina l-Qorti l-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1404/93 GMA kontra l-konvenut Joseph Bonnici, u in forza ta' dan il-mandat l-istess Joseph Bonnici gie inibit milli jkompli bix-xoghol u l-kostruzzjoni tal-bini f'dik il-parti ta' l-art li tmiss mal-proprjeta' ta' l-attrici fl-art "Ta' Batti" fil-kuntrada tas-Swieqi, limiti ta' San Giljan, retroposta ghad-dar jisima "Saint Julians", St. Andrews Road, San Giljan ;
> U peress illi nonostante l-imsemmi Mandat ta' Inibizzjoni u l-ordni tal-Qorti debitament notifikati lill-konvenut fit-30 ta' Gunju 1993, l-

istess konvenut baqa' xorta wahda ghaddej bil-bini f'dik il-parti ta' l-art li tmiss mal-proprjeta' ta' l-attrici, u spicca biex minn ftit pedamenti li kien hemm meta nharget l-Ordni tal-Qorti l-konvenut kompla tiela bil-bini, saqqaf l-ewwel sular u issa wasal biex anki jsaqqaf it-tieni sular ;

U peress illi dan l-agir tal-konvenut jikkostitwixxi bl-aktar mod sfaccat disprezz lejn l-Awtorita' ta' dina l-Qorti ;

U peress illi ghalkemm l-attrici regghet interpellat lill-konvenut biex ma jkompliex tiela bil-bini kif jidher mill-kopja ta' l-ittra hawn unita u mmarkata Dok. "CD2" huwa baqa nadempjenti ;

Jghid ghalhekk il-konvenut il-ghaliex ma ghandhiex dina l-Qorti, ghar-ragunijiet premessi :-

1. Tiddikjarah hati ta' disprezz lejn l-Awtorita' ta' dina l-Qorti, u tikkundannah skond il-ligi.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tas-6 ta' Lulju, 1993, u tar-Rikors bl-urgenza prezentat kontestwalment kontra l-konvenut minn issa ngunt biex jidher personalment ghas-subizzjoni."

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut eccepixxa hekk ghat-talba attrici :-

"1. Preliminarjament in-nullita tal-atti billi l-attrici m'ghandhiex locus standi f'din il-kawza stante li l-proprjeta' tifforma parti mill-Kommunijoni tal-konjugi Dimech, li amministrazzjoni taghha hija ta' John Dimech.

2. Illi fil-meritu u bla pregudizzju ghas-sopraskritt mhux minnu li l-eccipjent kompla bix-xoghol u konstruzzjoni tal-bini f'dik il-parti ta' l-art li tmiss mal-proprjeta' u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Salve eccezzjonijiet ohra."

**VERBAL**

Fit-22 ta' Novembru 1993, gie verbalizzat quddiem l-ewwel Qorti illi l-konvenut kien irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu.

**DECIDE**

B'sentenza tad-29 ta' Jannar 1996, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi cahdet it-talbiet tal-attrici u, fic-cirkustanzi, ddecidiet li kull parti kellha tehel l-ispejjez taghha.

**MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha :-

> "Il-Qorti,
>
> **PRELIMINARI**
>
> Rat ic-citazzjoni ………
> Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attrici a fol. 3 ;
> Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 15 ;
> Rat il-verbal tat-22 ta' Novembru 1993 li bih il-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu fol. 69 ;
> Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti ;
> Semghet ix-xhida bil-gurament ;
> Rat in-noti tal-partjiet ;
> **KONSIDERAZZJONIJIET**
>
> **Eccezzjoni**

Jigi rilevat li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut giet irtirata b'verbal a fo. 69 ; u dan qed jinghad billi regghet referenza ghal dina l-eccezzjoni fin-nota tal-attrici (fok 114 para 6).

**Ordni tal-Qorti**

L-attrici qed tissottometti li l-unika kwistjoni li dina l-Qorti trid tezamina hija jekk kienx hemm ordni li tipprojbixxi lill-konvenut milli jkompli jibni fuq l-art kontestata u li kienet giet indikata f'pjanta tal-mandat ta' inibizzjoni u jekk dina l-ordni nkisrtix mill-konvenut jew le.

Minn naha l-ohra l-konvenut qed jissottometti li hu ma nghatax opportunita' li jirrispondi ghal-mandat ta' inibizzjoni, u li ma' dak il-mandat ma kienx hemm pjanta annessa li tindika l-area kontestata.

**Tikkunsidra**

Mill-ezami tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1404/93 (kopja tieghu giet annessa a fol. 5 tal-process) jirrizulta li dana l-mandat gie akkordat u mahrug mill-ewwel minghajr ma l-konvenut inghata l-opportunita' li jispjega lill-Qorti l-versjoni tieghu tal-fatti u minghajr ma setgha jesebixxi d-dokumenti u l-pjanti biex jissostanzjaha. (Ara digriet a fol. 5 u 7A).

Ghal Qorti dan il-fatt huwa importanti hafna f'dina l-kawza li titratta dwar allegat disprezz lejn l-awtorita taghha u dana billi fil-kors tas-smiegh ta' dina l-kawza deher li jista jirrizulta mid-diversi xhieda prodotti u anke mill-istess xhieda tal-attrici u zewgha li l-konvenut kien qieghed jibni tajjeb fuq il-proprjeta' tieghu qabel inhareg il-mandat u ma nvadiex il-proprjeta' tal-attrici. Kieku l-konvenut (allura intimat) inghata mill-bidu nett l-opportunita' biex jirrispondi t-talba tal-attrici (allura rikorrenti) il-probabilita' kienet tkun li l-mandat forsi ma kienx jinhareg mill-bidu nett.

Illi huwa veru li teknikament l-ordni tal-Qorti harget u l-konvenut irid jobdiha, izda fil-kaz in ezami ma gietx segwita l-prassi normali kif gja inghad u l-konvenut ma nghatax mill-bidu nett l-opportunita li jipprezenta l-versjoni tieghu tal-fatti.
Ghalhekk, f'dawn ic-cirkustanzi, l-Qorti ma tistax tikkonkludi, ghalkemm teknikament jista' jkun li l-konvenut ma obdiex l-ordni tal-Qorti, li l-agir tal-konvenut jikkostitwixxi bl-aktar mod sfaccat disprezz lejn l-awtorita' taghha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talba tal-attrici fic-cirkustanzi, kull parti ghandha tehel l-ispejjez taghha."

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

Il-Qorti taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet :-

(1) Hi korretta s-sottomissjoni tal-appellanti illi din il-kawza ma kellhiex isservi bhala forma ta' appell kontra l-ordni tal-Qorti kif espress fil-mandat ta' inibizzjoni, li l-appellat allegatament m'obdiex. Dak il-mertu seta' biss proceduralment jigi kontestat b'azzjoni ad hok u, eventwalment, fil-procedura li fihom l-attrici, li ottjeniet il-mandat, ddeduciet il-pretenzjoni taghha, rikonoxxuta bhal valida prima facie mill-Qorti li harget il-mandat ta' inibizzjoni. Fil-prezenti istanza il-Qorti hi biss interessata tistabilixxi jekk il-konvenut intimat b'dak il-mandat kienx jew le obda l-ordni moghtija lilu mill-Qorti. Jekk ir-risposta kienet fin-negattiv hu kellu jitqies hati ta' disprezz lejn l-awtorita' taghha u kellu jinfacja r-rigur tas-sanzjoni prevista mil-ligi. Sanzjoni li l-ligi thalli ukoll f'idejn il-Qorti li kellha naturalment tkun adegwata ghac-cirkustanzi tal-kaz u tirrispekkja l-gravita' tal-oltragg lejn l-awtorita' tal-Qorti.

2. Impostata f'din l-ottika, il-procedura ta' disprezz kienet generalment tinteressa biss margmalment lill-kreditur li fl-ahhar mill-ahhar kien ser ikollu l-jeddijiet pretizi tieghu, protetti bil-mandat u rivendikati fil-proceduri fil-mertu minnu dedotti. Hekk fil-kaz taht ezami

il-vera sanzjoni ghall-agir allegatament abbuziv tal-konvenut, maghmul ukoll bi sfida tal-awtorita' tal-Qorti, kellha tirrizulta mid-decizjoni fil-mertu u setghet tvarja mill-pagament ta' kumpens, il-hlas ta' danni u wkoll il-kundanna ghad-demolizzjoni ta' dak li gie approprjat bl-invazjoni fuq il-proprjeta' tal-attur. Il-procedura ta' disprezz allura, anki jekk setghet taht certi aspetti wkoll tiggjova lill-attur, kienet tinteressa principalment lill-Qorti li l-awtorita' taghha tkun giet oltreggjata bl-isfida tal-konvenut li allegatament ikun naqas li jobdi l-ordni u l-mandat taghha

3. Hu proprju ghalhekk illi filwaqt li l-Qorti kellha d-dritt u l-obbligu li tassigura rispett lejn l-awtorita' taghha, specjalment fejn dan jimmanifesta ruhu b'dizobbidjenza ghad-digrieti taghha, kienet dik il-Qorti li fil-konfront taghha jkun allegatement intwera disprezz li kellha tkun l-arbitru biex tiddeciedi mhux biss jekk tali disprezz kienx jezisti jew le, mhux biss jekk kien jezisti, kemm kien munit minn bl-intenzjoni li tigi oltreggjata l-awtorita' tal-Qorti, imma wkoll il-gravita' ta' tali oltragg.

F'dan ir-rigward ghandu jigi enfasizzat li l-parti lesa kienet allura l-Qorti u mhux xi parti in kawza. Dan qed jigi sottlinejat biex tigi precizata in-natura tal-azzjoni taht ezami li kienet timporta l-apprezzament, da parti tal-Qorti, tac-cirkustanzi li fihom l-ordni taghha tkun giet volutament sfidata, kif jirrizulta li kienet, anki jekk biss teknikament mill-konvenut appellat. Tali apprezzament kien jispetta lill-Qorti oltreggjata u kien biss eccenzjonalment li din il-Qorti u wisq anqas xi parti in kawza

setghu jissindikawh u jiddisturbawh. Ma kien hemm allura xejn barra minn loku jew anti-gjuridiku li l-istess Qorti li tkun awtorizzat il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, b'ordni specifiku li l-intimat ikun teknikament injora, li tirraviza fl-operat taghha stess xi nuqqas fir-rigward tad-dritt tal-istess intimat ghal smiegh xieraq u b'hekk tiggustifka b'xi mod l-agir tieghu li altrimenti kien ikun ferm kundannabbli.

Din il-Qorti jinthiegilha tirrispetta l-motivazzjoni fis-sentenza appellata, illi l-fatt li l-intimat ma kienx inghata l-opportunita' li jispjega lill-Qorti l-verzjoni tieghu tal-fatti kif ukoll li jipprova bi pjanti u dokumenti li t-talba tal-attur rikorrent ma kienitx, anqas prima facie, gjustifkata kellu jimmitiga l-agir apparentement dispregjattiv tieghu.

Din il-Qorti mill-banda l-ohra ma tikkondividix il-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti illi l-fatt li l-provi <u>fil-mertu</u> donnhom jiggustifikaw l-oppozizzjoni tal-konvenut ghat-talba ghax jidher li kien qieghed jibni fejn suppost, kien jintitolah li jinjora l-ordni tal-Qorti kif kontenuta fil-mandat taht ezami. Din il-konsiderazzjoni ma kienitx gjuridikament korretta ghax l-ordni tal-Qorti kellha tigi osservata proprju pendenti d-determinazzoni tal-mertu fil-proceduri appositi li fihom gie dedott u indipendentement mill-ezitu taghhom.

Mill-banda l-ohra din il-Qorti tinnota wkoll illi l-kaz taht ezami sehh qabel ma gie emendat il-Kodici tal-Organisazzjoni Procedura Civili fil-1995

biex ippremetta lill-Qorti li preventivent tilqa' talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni pendenti li dan jigi finalment degretat wara l-Qorti taghmel indagini biex tistabilixxi jekk kienx hemm jew le prima facie a bazi tat-talba. Kien ghal dik ir-raguni illi l-ewwel Qorti kienet aktarx akkordat il-mandat minnufih biex tassigura li l-pretiz jedd tar-rikorrent ma jigix pregudikat. Is-sentenza appellata inghatat wara illi Kodici tal-Organisazzjoni u Procedura Civili gie emendat u allura l-Qorti setghet tezama l-kwistjoni kollha minn angolu iktar liberali u wkoll fil-konsapevolezza illi l-intimat kellu jinghata l-opportunita' li jipprezenta l-kaz tieghu anki f'dak l-istadju ta' trattazzjoni prima facie. Dan proprju biex il-jeddijiet tal-intimat ma jigux bla bzonn pregudikati.

Din il-Qorti innotat ukoll illi l-fatt illi l-intimat ma kienx gie notifikat b'kopja tal-pjanta annessa mar-rikors li biha l-attur talab il-hrug ta' mandat tal-inibizzjoni seta' wkoll ikkreja certa ambigwita' fid-definizzjoni tal-ordni kontenuta fil-mandat ta' inibizzjoni. Dan in kwantu id-dicitura biss tal-mandat setghet tippermetti lill-intimat appellat jippretendi, illi sa fejn seta' jkun jaf hu, kien qieghed jibni fuq il-proprjeta' tieghu u mhux fuq proprjeta' kontestata mill-attur. Dan kollu apparti pero' din il-Qorti tirribadixxi dak illi gja' kkonsidrat illi, in ultima analizi, dak li kien importanti hu illi l-ewwel Qorti ma rriavizzata fl-agir tal-appellat dik il-kontumalja lejn l-awtorita' taghha li setghet tigi kwalifikata bhala disprezz fit-termini tal-ligi. Din il-Qorti allura tikkunsidra li ghandha tikkonferma dik is-sentenza fil-mertu.

Fir-rigward tal-ispejjez pero' hija fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti illi dawn kellhom jigu akkollati fuq il-konvenut appellat. Dan ghaliex una volta s-sentenza tal-ewwel Qorti irravizat agir li seta' jigi kwalifikat teknikament bhala disprezz in kwantu jista' jkun li l-konvenut ma kienx obda l-ordni tal-Qorti, l-attur appellant kien gustifikat fil-ligi illi jipprocedi kif ipproceda. Ma kienx allura gust illi jigi akkollat b'xi parti mill-ispejjez tal-proceduri. F'dan is-sens il-Qorti kienet allura sejra tirriforma s-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell biss fir-rigward tal-kap tal-ispejjez. Konsegwentement qed tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu ddecidiet li kull parti kellha tehel l-ispejjez taghha u tiddeciedi minflok li l-ispejjez kollha tal-kawza kellhom jithallsu mill-konvenut appellat kif hekk qed tikkundannah jaghmel. Ghall-kumplament fir-rigward tal-mertu, is-sentenza appellata qed tigi konfermata.

Dep/Reg

mg